PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

3 ta' Marzu 2017

Is-Sur Lawrence Cutajar
Kummissarju tal-Pulizija
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Floriana

Sur Kummissarju,

Qiegħed nibgħatlek kopja tar-Rapport tal-Bord ta' Inkjesta imwaqqaf fl- 10 ta' Ottubru 2016 taħt l-Att dwar l-Inkjesti biex jinvestiga allegazzjonijiet li saru f' artikolu pubblikat fil-ħarġa tad- 9 ta' Ottubru 2016 tal-gażżetta 'Malta Today' taħt it-titolu "Money Laundering Investigation was not pursued when Fenech Adami's name cropped up" u dan għal kull azzjoni oħra illi inti tista' tqis li tkun xierqa.

Nirreferik ukoll b' mod partikolari għall-konklużjoni numru 11 f' pagna 37 tar-rapport fejn il-Bord ta' Inkjesta ddeċieda illi hemm ċerti fatti stabbiliti fir-raba' sezzjoni ta' rapport magħmul lill-Bord minn Espert Tekniku dwar l-operat tal-kumpannija ndikata fl-istess konkluzjoni numru 11 illi kien jimmerita li jiġu assoġġettati ghal skrutinju u investigazzjoni aktar eżawrjenti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

F' dan il-kuntest, flimkien mar-rapport tal-Bord ta' Inkjesta qiegħed ukoll nibgħatlek kopja tar-raba' sezzjoni tar-rapport tal-Espert Tekniku.

Kopja ta' din l-ittra u tad-dokumenti annessi magħha qegħda tintbaghat ukoll lill-Korp Għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja in vista' tal-funzjonijiet u l-kompetenzi ta' dak il-Korp.

Inselli Għalik,

Joseph Muscat
Prim Ministru